VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,505, 27 ta' Novembru, 2015
Taqsima B

A.L. 378 tal-2015

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Ordni tal-2015 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa skont l-artikolu 23 (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 23 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru għall-Finanzi għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2015 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa skont l-artikolu 23 (Emenda Nru. 3), u dan l-Ordni għandu jinqara' u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa skont l-artikolu 23, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali". L.S. 364.12

Jemenda l-artikolu 3 tal-Ordni prinċipali.

2. L-artikolu 3 tal-Ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "fi jew wara l-5 ta' Novembru 2013 iżda qabel l-1 ta' Ottubru 2015" għandhom jidħlu l-kliem "fi jew wara l-5 ta' Novembru 2013 iżda qabel l-1 ta' Jannar 2017";

(b) fl-ewwel proviso tiegħu, minflok il-kliem "qabel l-1 ta' Lulju 2013 jew wara t-30 ta' Ġunju 2015:" għandhom jidħlu l-kliem "qabel l-1 ta' Lulju 2013."; u

(ċ) it-tieni proviso tiegħu għandu jiġi mħassar.